



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 14.5.2018
COM(2018) 292 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL
U LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW**

**Rapport dwar l-implimentazzjoni mill-Istati Membri tad-Direttiva 2009/38/KE dwar l-
istabbiliment ta' Kunsill tax-Xogħlijiet Ewropew jew proċedura fl-impriżi fuq skala
Komunitarja u fil-gruppi tal-impriżi fuq skala Komunitarja għall-għanijiet ta'
informazzjoni u ta' konsultazzjoni tal-impjegati (tfassil mill-ġdid)**

{SWD(2018) 187 final}

I. Introduzzjoni

Dan ir-rapport janalizza l-implimentazzjoni mill-Istati Membri tat-tfassil mill-ġdid tad-Direttiva 2009/38/KE dwar l-istabbiliment ta' Kunsill tax-Xogħlijiet Ewropew)¹ ("it-tfassil mill-ġdid tad-Direttiva"), kif meħtieġ mill-Artikolu 15 tad-Direttiva. Huwa jistabbilixxi l-azzjoni ta' segwitu li biħsiebha tiegħu l-Kummissjoni. Fl-anness għar-rapport hemm dokument ta' ħidma tal-persunal li fih il-Kummissjoni tistabbilixxi f'aktar dettall ir-riżultati tal-evalwazzjoni tagħha².

Id-Direttiva tal-Kunsill 94/45/KE³ kienet soġġetta għal tfassil mill-ġdid wara konsultazzjoni mas-sħab soċjali, u daħlet fis-seħħ fis-6 ta' Ġunju 2009. It-tmiem tal-perjodu ta' traspożizzjoni kien sentejn wara.

L-evalwazzjoni li ssostni dan ir-rapport tiffoka fuq il-bidliet miġjuba mit-tfassil mill-ġdid tad-Direttiva. L-għan tal-evalwazzjoni huwa li tivvaluta t-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni tat-tfassil mill-ġdid tad-Direttiva fl-Istati Membri, u l-effetti ta' dawn fuq:

- il-ħolqien ta' Kunsilli tax-Xogħlijiet Ewropej;
- l-effettività tad-drittijiet transnazzjonali ta' informazzjoni u konsultazzjoni tal-impjegati; u
- t-titjib fil-qafas legali.

L-evalwazzjoni tivvaluta wkoll ir-rilevanza, il-koerenza, l-effiċjenza u l-valur miżjud tal-UE tat-tfassil mill-ġdid tad-Direttiva, f'konformità mal-Linji Gwida għal Regolamentazzjoni Aħjar⁴.

Dan ir-rapport jistabbilixxi l-oġġettivi tat-tfassil mill-ġdid tad-Direttiva, is-sejbiet ewlenin tal-evalwazzjoni tal-Kummissjoni u r-reazzjonijiet ta' politika korrispondenti.

II. Kunsilli tax-Xogħlijiet Ewropej u djalogo soċjali transnazzjonali

Id-djalogo soċjali huwa element essenzjali tal-mudell soċjali Ewropew. Meta d-djalogo soċjali jkun b'saħħtu, l-ekonomiji jkunu aktar kompetittivi u soċjalment reżiljenti. L-involvement tas-sħab soċjali fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tal-politiki huwa kruċjali għat-tiŝhih tal-

1 Id-Direttiva 2009/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar l-istabbiliment ta' Kunsill tax-Xogħlijiet Ewropew jew proċedura fl-impriżi fuq skala Komunitarja u fil-gruppi tal-impriżi fuq skala Komunitarja għall-għanijiet ta' informazzjoni u ta' konsultazzjoni tal-impjegati (tfassil mill-ġdid) (ĠU L 122, 16.5.2009, p. 28-44).

2 SWD (2018) 187 final Evalwazzjoni tad-Direttiva 2009/38/KE dwar l-istabbiliment ta' Kunsill tax-Xogħlijiet Ewropew.

3 Id-Direttiva tal-Kunsill 94/45/KE tat-22 ta' Settembru 1994 dwar l-istabbiliment ta' Kunsill tax-Xogħlijiet Ewropew jew proċedura fl-impriżi fuq skala Komunitarja u fil-gruppi tal-impriżi fuq skala Komunitarja għall-għanijiet ta' tagħrif u ta' konsultazzjoni għall-impjegati, ĠU L 254, 30.9.1994, p. 64-72.

4 http://ec.europa.eu/smart-regulation/roadmaps/docs/2016_empl_011_evaluation_european_works_council_en.pdf

kompetittività u tal-ġustizzja, u huwa prerekwiżit għall-funzjonament tal-ekonomija soċjali tas-suq tal-Ewropa. Il-Kummissjoni hija impenjata li ssaħħa id-djalogu soċjali, fil-livelli kollha. Għal din ir-raġuni tat bidu għall-“Bidu Ġdid għad-Djalogu Soċjali tal-UE” fl-2015⁵.

Il-Prinċipju 8 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali⁶ jistabbilixxi li s-sħab soċjali għandhom jiġu kkonsultati dwar it-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politiki ekonomiċi, tal-impjiegi u soċjali skont il-prattiki nazzjonali. Dawn għandhom jiġu mħeġġa jinneozjaw u jikkonkludu ftehimiet kollettivi fi kwistjonijiet rilevanti għalihom, filwaqt li jirrispettaw l-awtonomija u d-dritt tagħhom għal azzjoni kollettiva.

Id-djalogu soċjali fil-livelli kollha jrid ikun parti ewlenija tar-rispons tal-Ewropa għall-proċessi li jolqtu fil-fond lid-dinja tax-xogħol bħad-diġitalizzazzjoni, il-globalizzazzjoni u t-tibdil demografiku. L-involvement tas-sħab soċjali fir-riformi tas-suq tax-xogħol u r-ristrutturar tas-settur jew tal-kumpanija wera li jagħti riżultati pożittivi peress li l-involvement tagħhom jiżgura sjieda ta' proċessi ta' riforma u jippromwovi fiduċja u sħubija. Barra minn hekk, mezz permanenti għad-djalogu soċjali jistgħu jgħinu biex jantiċipaw u jindirizzaw il-ħtiġijiet u l-aspettattivi li jirriżultaw mill-isfidi assoċjati ma' forza tax-xogħol li qed tixjieħ u mas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali jew fir-rigward ta' ħliet u bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata.

Il-Prinċipju 8 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jistabbilixxi wkoll li l-ħaddiema jew ir-rappreżentanti tagħhom għandhom id-dritt li jiġu informati u kkonsultati fi żmien xieraq dwar kwistjonijiet rilevanti għalihom, b'mod partikolari dwar it-trasferiment, ir-ristrutturar u l-fużjoni ta' kumpaniji u dwar sensji kollettivi. Huwa ma jistabbilixxix biss id-dritt li wieħed jirċievi informazzjoni iżda anki d-dritt li jiġi kkonsultat dwar kwalunkwe azzjoni korporattiva bħal din, xi ħaġa li timplika skambju ta' fehmiet u l-istabbiliment ta' djalogu konsistenti mal-impjegatur.

Il-qafas legali tal-UE fil-qasam tal-informazzjoni u tal-konsultazzjoni fil-livell nazzjonali żviluppa fuq diversi deċennji. Id-Direttiva 98/59/KE⁷ tistabbilixxi regoli dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni tar-rappreżentanti tal-ħaddiema qabel ma jsiru sensji kollettivi. Id-Direttiva 2002/14/KE⁸ tistabbilixxi qafas ġenerali dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-impjegati fil-livell nazzjonali. Id-Direttiva 2001/23/KE⁹ fiha dispożizzjonijiet li jiżguraw li l-ħaddiema impjegati f'negozji li jiġu ttrasferiti għal sid ġdid jiġu informati u kkonsultati¹⁰.

5 <http://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=88&langId=mt&eventsId=1028>

6 Proklamazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali tas-17 ta' Novembru 2017

7 Id-Direttiva tal-Kunsill 98/59/KE tal-20 ta' Lulju 1998 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar redundancies kollettivi.

8 Id-Direttiva 2002/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2002 li tistabbilixxi qafas ġenerali dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-impjegati fil-Komunità Ewropea.

9 Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/23/KE tat-12 ta' Marzu 2001 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mas-salvagwardja tad-drittijiet tal-impjegati fil-każ ta' trasferiment ta' impriżi, negozji jew partijiet ta' impriżi jew negozji.

10 Għal ħarsa ġenerali lejn il-leġiżlazzjoni dwar l-involvement tal-impjegati, ara: <http://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=707&langId=en>

Permezz tal-qafas Ewropew tal-kwalità għall-anticiċipazzjoni tal-bidla u r-ristrutturar,¹¹ il-Kummissjoni stabbiliet prinċipji u prattiki tajba li jridu jiġu segwiti fil-kumpaniji u mill-awtoritajiet pubbliċi, qabel il-bidliet u meta jiġu ġestiti l-attivitajiet ta' ristrutturar. Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni ġie stabbilit 10 snin ilu bil-għan li jipprovdi appoġġ lill-ħaddiema li nġhataw is-sensja bħala riżultat ta' bidliet strutturali kbar fix-xejriet kummerċjali dinjija minħabba l-globalizzazzjoni jew minħabba l-kriżi finanzjarja u ekonomika globali.

Il-Kunsilli tax-Xogħlijiet Ewropej huma strument importanti biex jiġi organizzat djalogu soċjali transnazzjonali fil-kumpaniji multinazzjonali ta' ċertu daqs. Huma korpi li jirrappreżentaw lill-impjegati Ewropej fi ħdan il-kumpaniji transnazzjonali. Il-Kunsilli tax-Xogħlijiet Ewropej jipprevedu pjattaforma komuni għal skambji dwar kwistjonijiet transnazzjonali bejn ir-rappreżentanti tal-impjegati u tal-impjegaturi madwar l-Istati Membri tal-UE u l-pajjiżi taż-ŻEE. Permezz ta' dawn, il-ħaddiema jiġu informati u kkonsultati mill-maniġment dwar il-progress tan-negozju u dwar kwalunkwe deċiżjoni sinifikanti fil-livell Ewropew li tista' taffettwa l-impjeg jew il-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom.

Il-Kunsilli tax-Xogħlijiet Ewropej urew li huma vitali għall-iżvilupp ta' relazzjonijiet industrijali transnazzjonali. Fil-kumpaniji multinazzjonali, id-deċiżjonijiet li jaffettwaw lill-impjegati fi Stat Membru partikolari ħafna drabi jittieħdu mill-maniġment ċentrali li jkun jinsab barra minn dak l-Istat Membru. Il-Kunsilli tax-Xogħlijiet Ewropej jikkontribwixxu għall-ħolqien ta' solidarjetà u sinerġiji bejn il-ħaddiema fi Stati Membri differenti, għall-qism tal-aħjar prattiki u għat-tfassil, għall-fehim u għall-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet dwar kwistjonijiet transnazzjonali li tiffaċċja l-kumpanija multinazzjonali.

Il-Kunsilli tax-Xogħlijiet Ewropej jippermettu t-titjib tal-komunikazzjoni bejn l-impjegati u l-maniġment ċentrali. Il-benefiċċju għall-impjegaturi jista' jfisser aktar fiduċja u involviment mill-ħaddiema, li jgħibu magħhom l-għarfien u l-esperjenza tagħhom. Il-fehim komuni tal-isfidi transnazzjonali li tiffaċċja l-kumpanija u l-involvement tal-impjegati fit-teħid ta' deċiżjonijiet dwar soluzzjonijiet possibbli, jistgħu jiffaċilitaw ukoll l-introduzzjoni u jżidu l-impatt ta' għażliet strateġiċi li jsiru mill-maniġment ċentrali fi ħdan kumpanija multinazzjonali.

Il-Kunsilli tax-Xogħlijiet Ewropej jippermettu l-prevenzjoni jew il-mitigazzjoni tal-effetti negattivi tar-ristrutturar fuq il-kundizzjonijiet tal-impjeg u tax-xogħol, permezz tar-rwol deċiżiv li għandhom fl-anticiċipazzjoni u fil-ġestjoni tal-bidla. B'mod aktar mifruq, il-Kunsilli tax-Xogħlijiet Ewropej se jkollhom rwol dejjem aktar rilevanti fil-formulazzjoni ta' reazzjonijiet ġusti u sostenibbli fil-livell ta' kumpaniji għall-impatt transnazzjonali tal-isfidi marbuta mad-diġitalizzazzjoni, mal-globalizzazzjoni u mat-tibdil demografiku. Jistgħu jindirizzaw varjeta wiesgħa ta' kwistjonijiet, bħall-introduzzjoni ta' tekonoġiji ġodda u l-ħtiġijiet tat-taħriġ relatat magħhom, l-iżvilupp strateġiku tal-kumpanija f'ambjent tas-suq li

11 <http://ec.europa.eu/social/BlobServlet?docId=11270&langId=mt>

qed jinbidel, jew l-aħjar Prattiki biex wieħed jadatta għal forza tax-xogħol li qed tixjieħ. Xi Kunsilli tax-Xogħlijiet Ewropej bdew u appoġġaw in-negozjati u l-konklużjoni ta' ftehimiet ta' kumpaniji transnazzjonali dwar diversi suġġetti bħal taħriġ, impjiegi, jew żvilupp sostenibbli.

Bħal fil-każ ta' fora oħra ta' djalogu soċjali fil-livell ta' kumpaniji, il-kundizzjonijiet ta' qafas legali xierqa ma jggarantixxux riżultati ta' suċċess. Il-motivazzjoni, l-impenn u l-kapaċitajiet tar-rappreżentanti tal-impjegati u ta' dawk tal-impjegaturi huma fattur li jiddetermina l-eżiti u l-kwalità tal-iskambji fil-Kunsilli tax-Xogħlijiet Ewropej.

III. L-objettivi tat-tfassil mill-ġdid tad-Direttiva

It-tfassil mill-ġdid tad-Direttiva jippermetti li jiġu stabbiliti Kunsilli tax-Xogħlijiet Ewropej biex jinformat u jipprovdu opinjoni dwar kwistjonijiet transnazzjonali f'kumpaniji multinazzjonali li għandhom mill-inqas 1 000 impjegat fiż-ŻEE u mill-inqas 150 impjegat f'mill-inqas żewġ Stati Membri rispettivament.

Il-proċess li jinħoloq Kunsill tax-Xogħlijiet Ewropew huwa skattat b'talba minn 100 impjegat minn żewġ Stati Membri, jew b'deċiżjoni mill-impjegatur. Il-kompożizzjoni u l-funzjonament ta' kull Kunsill tax-Xogħlijiet Ewropew huma mfassla skont is-sitwazzjoni speċifika tal-kumpanija permezz ta' ftehim iffirmit bejn ir-rappreżentanti tal-maniġment u tal-ħaddiema mill-Istati Membri differenti involuti.

Fil-kumpaniji transnazzjonali, il-maniġment ċentrali għandu jinforma u jikkonsulta lill-impjegati Ewropej dwar il-progress u d-deċiżjonijiet sinifikanti permezz tar-rappreżentanti tal-Kunsilli tax-Xogħlijiet Ewropej tagħhom.

It-tfassil mill-ġdid tad-Direttiva għandu l-għan li jsegwi b'mod partikolari l-objettivi li ġejjin¹²:

- l-iżgurar li d-drittijiet transnazzjonali ta' informazzjoni u konsultazzjoni tal-impjegati jiġu rrispettati;
- l-inkoraġġiment tal-ħolqien ta' Kunsilli tax-Xogħlijiet Ewropej ġodda;
- is-soluzzjoni għall-problemi ffaċċjati fl-applikazzjoni Prattika tad-Direttiva 94/45/KE;
- ir-rimedju għan-nuqqas ta' ċertezza legali li tirriżulta mid-difetti f'xi dispożizzjonijiet (bħal definizzjonijiet ta' informazzjoni u konsultazzjoni) u n-nuqqas tal-oħrajn (pereżempju d-definizzjoni ta' transnazzjonalità);
- l-iżgurar ta' rabtiet aħjar ma' leġiżlazzjoni oħra tal-UE dwar informazzjoni u konsultazzjoni tal-impjegati.

12 Premessa 7 tat-tfassil mill-ġdid tad-Direttiva 2009/38/KE.

Id-Direttiva għamlet il-bidliet sinifikanti li ġejjin fid-dispożizzjonijiet ta' promulgazzjoni:

- l-introduzzjoni ta' prinċipji ġenerali dwar l-arranġamenti għal informazzjoni u konsultazzjoni transnazzjonali tal-impjegati u definizzjonijiet preċiżi ta' informazzjoni u konsultazzjoni;
- il-limitu tal-kompetenza tal-Kunsilli tax-Xogħlijiet Ewropej għal kwistjonijiet ta' natura transnazzjonali u l-introduzzjoni ta' rabta bejn il-livelli nazzjonali u transnazzjonali ta' informazzjoni u konsultazzjoni tal-impjegati;
- il-kjarifika tar-rwol tar-rappreżentanti tal-impjegati u l-opportunità li jibbenefikaw minn taħriġ mingħajr ma jtilfu l-paga;
- il-kjarifika tar-responsabbiltajiet dwar l-għoti ta' informazzjoni li tippermetti l-bidu ta' negozjati u regoli dwar il-ftehimiet ta' negozjar għall-istabbiliment ta' Kunsilli tax-Xogħlijiet Ewropej ġodda;
- bidliet fir-rekwiżiti sussidjarji li japplikaw fin-nuqqas ta' ftehim;
- l-introduzzjoni ta' klawżola ta' adattament li tapplika għall-ftehimiet li jirregolaw il-Kunsilli tax-Xogħlijiet Ewropej jekk tinbidel l-istruttura tal-impriża jew tal-grupp ta' impriżi.

IV. Sejbiet tal-evalwazzjoni

Il-Kummissjoni eżaminat l-implimentazzjoni tat-tfassil mill-ġdid tad-Direttiva fl-Istati Membri u fil-pajjiżi taż-ŻEE kollha u wettqet valutazzjoni fuq il-bażi tad-dejta u l-informazzjoni miġbura minn diversi sorsi, bħal studju estern¹³, mis-sħab soċjali tal-UE u dawk nazzjonali, mill-prattikanti tal-Kunsilli tax-Xogħlijiet Ewropej, mill-istituti ta' riċerka u minn esperti tal-liġi tax-xogħol. F'konformità mar-rekwiżiti tal-istrateġija tal-Kummissjoni għal Regolamentazzjoni Aħjar, dan ir-rapport jistabbilixxi konklużjonijiet fir-rigward tal-effettività, l-effiċjenza, il-koerenza, ir-rilevanza u l-valur miżjud tal-UE tad-dispożizzjonijiet il-ġodda introdotti bid-Direttiva. Aktar dettalji dwar dawn is-sejbiet huma mogħtija fit-Taqsimiet IV u V tad-dokument ta' ħidma tal-persunal ta' sostenn¹⁴.

A. Traspożizzjoni u ċarezza legali

Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri ttrasponew il-leġiżlazzjoni tal-UE kif suppost. Filwaqt li ħafna mid-dispożizzjonijiet ġew implimentati *verbatim* fil-leġiżlazzjoni nazzjonali, xi pajjiżi għamlu dispożizzjonijiet aktar iddettaljati, li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti minimi tat-tfassil mill-ġdid tad-Direttiva.

13 ICF Studju tal-Evalwazzjoni tad-Direttiva 2009/38 ikkummissjonat mid-DĠ EMPL- Settembru 2016.

14 SWD (2018) 187 final Evalwazzjoni tad-Direttiva 2009/38/KE dwar l-istabbiliment ta' Kunsill tax-Xogħlijiet Ewropej.

Ħafna mill-partijiet ikkonċernati u mill-prattikanti li ġew ikkonsultati qiesu li t-tfassil mill-ġdid tad-Direttiva tejjeb iċ-ċarezza tal-qafas legali filwaqt li għadd mhux insinifikanti minnhom qiesu li ma kinux f'pożizzjoni li jwieġbu minħabba n-nuqqas ta' esperjenza li kellhom fir-rigward tad-dispożizzjonijiet riformulati. Fil-prattika għad hemm xi sfidi, b'mod partikolari meta jiġu nnegożjati jew applikati d-dispożizzjonijiet tal-ftehim tal-Kunsilli tax-Xogħlijiet Ewropej fil-livell tal-kumpaniji. Il-volum ta' litigazzjoni fil-livell nazzjonali huwa baxx, u ma juri l-ebda bidla meta mqabbel max-xejra li tidher b'rabta mad-Direttiva oriġinali. Fil-livell tal-UE ma tressaq l-ebda każ.

B. Effettività

It-tfassil mill-ġdid tad-Direttiva pprovda ċertu impetu għall-istabbiliment tal-Kunsilli tax-Xogħlijiet Ewropej u għan-negożjar mill-ġdid tal-ftehimiet tal-Kunsilli tax-Xogħlijiet Ewropej eżistenti filwaqt li ma waqqafx it-tendenza ta' tnaqqis fil-ħolqien tal-Kunsilli tax-Xogħlijiet Ewropej. L-evalwazzjoni osservat li sa mill-implimentazzjoni tat-tfassil mill-ġdid tad-Direttiva, inħolqu madwar 20 Kunsill tax-Xogħlijiet Ewropew kull sena, l-aktar f'kumpaniji li għandhom il-kwartieri ġenerali tagħhom fi Franza, fl-Iżvezja jew fl-Istati Uniti.

Globalment, Franza, il-Ġermanja u r-Renju Unit jospitaw ħafna mill-Kunsilli tax-Xogħlijiet Ewropej minħabba d-daqs tal-kumpaniji inkwistjoni iżda wkoll l-iżvilupp ta' relazzjonijiet industrijali f'dawk il-pajjiżi. Id-daqs medju tal-kumpaniji li jistabbilixxu l-Kunsilli tax-Xogħlijiet Ewropej sa mill-adozzjoni tat-tfassil mill-ġdid tad-Direttiva huwa iżgħar minn dak skont il-leġiżlazzjoni preċedenti.

Hemm lok għal titjib f'dak li jirrigwarda l-inkoraġġiment tal-ħolqien ta' tali korpi, peress li huwa stmat li nofs il-kumpaniji eliġibbli biex jagħmlu dan għadhom ma stabbilewx Kunsill tax-Xogħlijiet Ewropew. Filwaqt li n-numru assolut ta' Kunsilli tax-Xogħlijiet Ewropej żdied wara l-adozzjoni tat-tfassil mill-ġdid tad-Direttiva, wieħed għadu jistenna livell oġġla ta' ħolqien nett ta' tali korpi. Ir-raġunijiet għal dan huma kumplessi u multipli, fosthom: nuqqas ta' sensibilizzazzjoni ta' rekwiżiti legali min-naħa tas-sħab soċjali nazzjonali; tibdil fl-istrutturi tal-kumpanija minħabba fużjonijiet u akkwizzizzjonijiet; in-nuqqas ta' obbligu li jiġu stabbiliti Kunsilli tax-Xogħlijiet Ewropej; kumpaniji li jkollhom il-kwartieri ġenerali tagħhom f'pajjiżi bi tradizzjoni ta' djalogu soċjali inqas żviluppata; u t-tul ta' żmien għas-sħab soċjali biex jinnegożjaw il-ftehim tal-Kunsilli tax-Xogħlijiet Ewropej.

Filwaqt li l-kunċett ta' transnazzjonalità huwa ddefinit aħjar fid-dispożizzjonijiet tat-tfassil mill-ġdid tad-Direttiva, spiss jibqa' diffiċli għall-prattikanti tal-Kunsilli tax-Xogħlijiet Ewropej biex jinterpretawh f'każijiet konkreti.

It-tfassil mill-ġdid tad-Direttiva tejjeb l-informazzjoni għall-ħaddiema f'termini ta' kwalità u ta' kamp ta' applikazzjoni iżda fir-rigward tal-konsultazzjoni, dan kien inqas effettiv. Minkejja li għandhom id-dritt li jesprimu opinjoni, jidher li l-membri tal-Kunsilli tax-Xogħlijiet Ewropej ftit li xejn għandhom influwenza fil-proċess tat-teħid ta' deċizzjonijiet fil-kumpaniji tagħhom, l-aktar f'każijiet ta' ristrutturar.

Il-Kunsilli tax-Xogħlijiet Ewropej jitqiesu mill-impjegaturi bħala għodod utli, li jgħibu magħhom benefiċċji għall-partijiet kollha b'diversi modi, fosthom: itejbu l-fehim komuni tal-kwistjonijiet fost il-membri; jispjegaw id-deċiżjonijiet; jibdeu diskussjonijiet strateġiċi; u jagħmlu proposti ta' valur għal azzjoni, skont is-suġġetti diskussi. Minkejja li ma għandhom l-ebda setgħa ta' negozjar formali, il-Kunsilli tax-Xogħlijiet Ewropej għandhom ukoll rwol fin-negozjar ta' ftehimiet transnazzjonali kollettivi¹⁵ f'xi impriżi multinazzjonali.

B'rabta mal-infurzar, il-valutazzjoni turi varjetà ta' sitwazzjonijiet fl-Istati Membri fir-rigward tal-kapaċità tal-Kunsilli tax-Xogħlijiet Ewropej li jaġixxu b'mod ġust. F'nofs l-Istati Membri, hemm fis-seħħ mekkaniżmi alternattivi ta' soluzzjoni tat-tilwim. B'mod ġenerali, l-evalwazzjoni nnotat dgħjufijiet fil-mezzi fis-seħħ li jippermettu lill-Kunsilli tax-Xogħlijiet Ewropej jinfurzaw id-drittijiet tagħhom u differenzi sinifikanti fit-tip u fil-livell tas-sanzjonijiet.

C. Effiċjenza

It-tfassil mill-ġdid tad-Direttiva ma ħoloqx spejjeż addizzjonali għall-impjegaturi meta mqabbla mad-Direttiva tal-1994. Jidher ukoll li l-ispejjeż kwantifikabbli għall-istabbiliment ta' Kunsilli tax-Xogħlijiet Ewropej naqsu meta mqabbla mad-Direttiva tal-1994, iżda dan jista' sempliċement jirrifletti d-daqs iżgħar tal-kumpaniji li jistabbilixxu Kunsilli tax-Xogħlijiet Ewropej wara t-tfassil mill-ġdid. Għall-biċċa l-kbira tal-impjegaturi, il-benefiċċji jiżbqu l-ispejjeż relatati. Id-dritt ta' taħriġ mingħajr telf ta' pagi huwa rrispettat ħafna u jikkonstitwixxi appoġġ kbir għar-rappreżentanti tal-Kunsilli tax-Xogħlijiet Ewropej fl-eżerċitar tar-rwoli tagħhom f'kumpaniji multinazzjonali. L-evalwazzjoni tikkonkludi li t-tfassil mill-ġdid tad-Direttiva ma jimponix obbligi amministrattivi, finanzjarji u legali b'tali mod li jikkonstitwixxi piż mhux raġonevoli fuq il-kumpaniji.

D. Rilevanza

It-tfassil mill-ġdid tad-Direttiva huwa meqjus rilevanti mill-partijiet ikkonċernati kollha, u l-ħtieġa li jiġi żviluppat djalogu transnazzjonali ulterjuri hija rikonoxxuta mis-sħab soċjali. F'termini ta' protezzjoni mtejba tal-impjegati, instab li t-tfassil mill-ġdid tad-Direttiva jikkontribwixxi b'mod sinifikanti biex jiżgura djalogu soċjali transnazzjonali fil-livell tal-kumpaniji. Il-Kunsilli tax-Xogħlijiet Ewropej jipprovdu mekkaniżmu għal informazzjoni ulterjuri fin-negozju, joħolqu ingranaġġ bejn il-livelli tal-UE u dawk lokali u b'hekk jiffaċilitaw l-introduzzjoni ta' inizzjattivi strateġiċi, li jwasslu għal titjib kwalitattiv fis-soluzzjonijiet strateġiċi li nstabu fil-kumpanija.

E. Koerenza ma' strumenti oħra tal-UE

Ir-regoli l-ġodda kienu ġeneralment konsistenti u koerenti internament ma' leġiżlazzjoni oħra tal-UE dwar id-drittijiet tal-ħaddiema għal informazzjoni u konsultazzjoni, inkluża l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE. Id-diskrepanzi huma ġġustifikati mill-oġġettivi speċifiċi fl-

15 Il-bażi tad-dejta tal-Kummissjoni Ewropea: <http://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=978&langId=en>

istrumenti leġiżlattivi rilevanti, bħal dawk li jindirizzaw in-nuqqasijiet kollettivi jew it-trasferiment tas-sjieda tal-kumpaniji.

Filwaqt li d-drittijiet tal-Kunsilli tax-Xogħlijiet Ewropej għal informazzjoni u konsultazzjoni japplikaw għas-suġġetti transnazzjonali kollha li jaffettwaw il-kundizzjonijiet ta' impjeg tal-ħaddiema, il-Kunsilli tax-Xogħlijiet Ewropej mhumiex korpi għan-negozjar u għalhekk għandhom għan differenti milli jinformat u jikkonsultaw fil-livell lokali, proċess li għandu l-għan li jilħaq ftehim bejn ir-rappreżentanti tal-ħaddiema u l-impjegatur.

F. Valur miżjud tal-UE

F'termini ta' sussidjarjetà, il-Kunsilli tax-Xogħlijiet Ewropej għandhom dimensjoni transnazzjonali ġenwina tal-UE. Att legali tal-UE, traspost f'leġiżlazzjoni nazzjonali biss, jista' jirregola l-kwistjoni ta' proċeduri ta' informazzjoni u konsultazzjoni għal ħaddiema f'kumpaniji transnazzjonali.

Fir-rigward tal-proporzjonalità, it-tfassil mill-ġdid tad-Direttiva jippermetti lill-Istati Membri flessibilità sabiex jadattaw id-dispożizzjonijiet tat-tfassil mill-ġdid tad-Direttiva għar-relazzjonijiet industrijali nazzjonali u s-sistemi legali, partikolarment fid-determinazzjoni tal-arranġamenti għall-ħatra jew l-għażla ta' rappreżentanti tal-impjegati, il-protezzjoni legali tagħhom u d-determinazzjoni ta' penali xierqa fil-każ ta' ksur fl-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni.

It-tfassil mill-ġdid tad-Direttiva jipprovdi qafas legali fil-livell tal-UE għat-trawwim tal-organizzazzjoni tal-informazzjoni u tal-konsultazzjoni transnazzjonali fil-kumpaniji, illi kieku jitwettqu b'mod purament volontarju u jseħħu f'vojt ġuridiku.

V. Reazzjonijiet ta' politika fil-livell tal-UE

L-analiżi stabbilita hawn fuq identifikat l-isfidi li ġejjin li jeħtieġu azzjoni fil-livell tal-UE:

- l-għadd limitat ta' Kunsilli tax-Xogħlijiet Ewropej ġodda;
- l-effettività tal-proċedura ta' konsultazzjoni;
- il-ħtieġa li jiġu kondiviżi u skambjati l-prattiki tajba eżistenti; u
- nuqqasijiet fl-implimentazzjoni u l-infurzar ta' xi dispożizzjonijiet tad-Direttiva.

Għalhekk, il-Kummissjoni tipproponi li jiġu segwiti l-miżuri li ġejjin:

- il-ħolqien u l-kondiviżjoni ta' manwal prattiku għall-prattikanti tal-Kunsilli tax-Xogħlijiet Ewropej;
- l-għoti ta' finanzjament lis-sħab soċjali sabiex jappoġġaw l-implimentazzjoni u l-effettività tal-Kunsilli tax-Xogħlijiet Ewropej; u
- l-iżgurar tat-traspożizzjoni sħiħa ta' dispożizzjonijiet ewlenin tat-tfassil mill-ġdid tad-Direttiva fl-Istati Membri.

A. Titjib fl-istabbiliment u l-funzjonament tal-Kunsilli tax-Xogħlijiet Ewropej permezz ta' manwal Prattiku

Sabiex tiffaċilita l-implimentazzjoni tat-tfassil mill-ġdid tad-Direttiva, il-Kummissjoni tipprevedi l-pubblikazzjoni ta' manwal li għandu l-għan li:

- iżid l-użu ta' Kunsilli tax-Xogħlijiet Ewropej, partikolarment fl-Istati Membri u fis-setturi fejn sal-lum dawn ġew stabbiliti f'numru limitat;
- ikompli jtejjeb l-effettività tal-Kunsilli tax-Xogħlijiet Ewropej, partikolarment bħala għodda li tappoġġa t-titjib tal-istandards soċjali madwar l-UE;
- ixxerred prattika tajba billi jikkodifika u jikkondividi eżempji konkreti ta' approċċi li ħadmu sew fil-prattika.

Dan il-manwal jagħti pariri u gwida konkreta lill-impjegaturi, lill-membri tal-Kunsilli tax-Xogħlijiet Ewropej, lir-rappreżentanti tat-trade union, lill-ħaddiema, u lil partijiet ikkonċernati oħrajn. Dan għandu jgħin ukoll lill-impjegaturi u lir-rappreżentanti tal-kumpanija biex jissodisfaw l-obbligi tagħhom kif stabbilit fit-tfassil mill-ġdid tad-Direttiva u jgħin lin-nies fil-proċess ta' stabbiliment u tħaddim tal-Kunsilli tax-Xogħlijiet Ewropej.

Il-Kummissjoni se tiżviluppa dan id-dokument ta' gwida fl-2018, b'kooperazzjoni mas-sħab soċjali u bl-appoġġ ta' esperti u prattikanti. Ħidma mill-qrib mas-sħab soċjali se tgħin lill-Kummissjoni biex tiġbor eżempji ta' prattika tajba u eżempji speċifiċi ta' ftehimiet li jintlaħqu f'kumpaniji multinazzjonali li jistgħu jiġu kondiviżi madwar l-UE.

Sabiex il-manwal jiġi kondiviż kemm jista' jkun u sabiex tiżdied is-sensibilizzazzjoni fost il-prattikanti u s-sħab soċjali fil-livelli kollha, hija prevista firxa ta' miżuri ta' komunikazzjoni. Dawn se jinkludu pubbliċità permezz ta' sit web apposta, l-organizzazzjoni ta' attivitajiet mas-sħab soċjali u avvenimenti appoġġati mill-Kummissjoni. Il-manwal se jiġi ppubblikat fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE.

B. Mobilizzazzjoni tal-istrumenti ta' finanzjament tal-UE bħala appoġġ għall-Kunsilli tax-Xogħlijiet Ewropej

Kull sena, il-Kummissjoni tniedi sejħa għal proposti¹⁶ biex tiffinanzja attivitajiet sabiex jiġi żviluppat l-involvement tal-impjegati fil-kumpaniji, jiġifieri kwalunkwe attività (inkluż l-informazzjoni, il-konsultazzjoni u l-parteċipazzjoni) li permezz tagħha r-rappreżentanti tal-impjegati jkunu jistgħu jinfluwenzaw id-deċiżjonijiet li għandhom jittieħdu fil-kumpanija. Wara l-pubblikazzjoni tal-manwal, prijorità speċifika li tirrelata mal-Kunsilli tax-Xogħlijiet Ewropej se tiġi inkluża fl-ewwel sejħa għal proposti maħruġa. Din se toffri appoġġ

16 Sejħa għal proposti tal-Kummissjoni Ewropea – “Information, consultation and representation of representatives of undertakings” (Informazzjoni, konsultazzjoni u rappreżentazzjoni tar-rappreżentanti tal-impriżi) DG EMPL Prerogattiva u Kompetenzi speċifiċi — Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2016)6596/F1 għal sejħa għal proposti 2017.
<http://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=629&langId=en&callId=511&furtherCalls=yes>

finanzjarju¹⁷ lis-sħab soċjali għall-istabbiliment ta' proġetti sabiex l-użu ta' din il-gwida Prattika jiġi ppubbliċizzat u appoġġat fost il-partijiet ikkonċernati. Din tista' tiffinanzja wkoll inizzjattivi li jappoġġaw l-implimentazzjoni tar-rekwiżiti legali eżistenti, iżżid is-sensibilizzazzjoni tal-benefiċċji potenzjali tal-Kunsilli tax-Xogħlijiet Ewropej għall-kumpaniji u r-rappreżentanti tal-impjegati, u ttejjeb l-istabbiliment u l-funzjonament tal-Kunsilli tax-Xogħlijiet Ewropej.

C. Żgurar tal-implimentazzjoni tat-tfassil mill-ġdid tad-Direttiva fl-Istati Membri

Dan ir-rapport sommarju u d-dokument ta' ħidma tal-persunal assoċjat jidentifikaw l-oqsma ewlenin għal kooperazzjoni futura mal-Istati Membri u għal attività ta' infurzar.

Il-Kummissjoni se tkompli tappoġġa l-ħidma tal-Istati Membri sabiex titjeb l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva, u se tiffaċilita l-iskambji bejn l-Istati Membri, b'mod partikolari dwar it-tfassil ta' sanzjonijiet "effettivi, proporzjonati" u "diswassivi"¹⁸ f'każ ta' ksur tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva.

17 Din l-inizzjattiva mhux se teħtieġ riżorsi addizzjonali mill-baġit tal-UE.

18 L-Artikolu 10.1 u l-Premessi 35 u 36 tad-Direttiva 2009/38/KE.